Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,653, 28 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 275 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp (Emenda Nru 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465. 48.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara l-1 ta' Lulju 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (b) fit-tieni proviso għas-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) persuna waħedha jew grupp sa mhux aktar minn żewġ (2) persuni li għandhom iċ-ċertifikat ta' tilqim maħruġ f'forma uffiċjali, u fir-rigward ta' vaċċin, rikonoxxut u approvat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

(d) tfal taħt it-tnax (12)-il sena meta fil-kumpanija ta' persuna li għandha ċ-ċertifikat ta' tilqim maħruġ f'forma uffiċjali, u fir-rigward ta' vaċċin, rikonoxxut u approvat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.".